XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Kan. Dekan Dun Frans Camilleri (1915 - 1982)*



Frans twieled in-Nadur fid-19 ta' Ġunju 1915 minn Karmenu u Karmena mwielda Camilleri u kien l għaxar wild fost familja numeruża ta' tlettax. Tgħammed dakinhar stess mill-Arċipriet Dun Martin Camilleri. Ingħata l-ismijiet ta' Franġisku, Ġużeppi, u Pietru Pawl.

Ħa l-ewwel edukazzjoni fl-Iskola Primarja tan-Nadur u wara għadda għas-Seminarju ta' Għawdex fejn kompla t-triq li waslitu għas-saċerdozju. Wara li ħa s-Suddjakonat, ħa l-pussess bħala r-raba' dekan tal-Kolleġġjata tan-Nadur fit-8 ta' Ottubru 1939. Dan il-kanonkat li kien tal-familja tiegħu, kien ilu vakanti għaxar snin mill-mewt tad-Dekan Dun Ġużepp Gatt li ġrat fit-30 ta' Novembru 1929. Fid-9 ta' Marzu 1940, jiġifieri sena wara rċieva d-djakonat ġewwa l-Kappella tas-Seminarju. Fit-18 ta' Mejju 1940 ġie ordnat saċerdot fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Għamel xi żmien viċi-parroku u kien prokuratur tal-knisja mill-1950 sas-sena 1970. Kien prokuratur attiv ħafna u fiż-żmien li dam f'din il-kariga għamel diversi opri fil-knisja, fosthom il-pulptu, il-kisi bl-irħam tal-pilastri tal-knisja, il-gallerija tal-orgni, u l-bieba tal-fidda tat-tabernaklu. Fis-sena 1960 ħallas għall-irħam ta' wieħed mill-pilastri maġġuri. Għamel ħitlu kollha biex isebbaħ il-knisja u baqa' sal-aħħar jinteressa ruħu u jgħin lil ta' warajh. Meta miet il-kappillan tal-Qala, Dun Manwel Xerri, l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace innominah bħala Vigarju Ekonomu ta' din il-parroċċa fit-13 ta' Diċembru 1964. Huwa dam f'din il-kariga sa meta laħaq il-Kappillan Dun Karm Vella 1965. Fl-aħħar żmien ta' ħajtu kien jieħu ħsieb it-tqassim tal-quddies.

Kien saċerdot kolt, prudenti u twajjeb. Kien bniedem moderat u kellu sens kbir ta' bilanċ fi kwistjonijiet li kienu jqumu minn żmien għall-ieħor. It-tbissima kienet dejjem fuq fommu anki fost il-ħafna impenji tiegħu u waqt xi niket li kien ikun għaddej minnu. Il-knisja kienet qisha d-dar tiegħu. Kont issibu hemm kemm filgħodu u kemm filgħaxija. Ma kienx imur hemm biex jaqdi l-impenji tiegħu iżda wkoll biex jitlob u jagħmel il-meditazzjoni tiegħu u l-qari spiritwali. Fuq kollox kien jispira fl-oħrajn il-fiduċja ta' Alla.

Dun Frans kien predikatur tajjeb u kien japplika l-omelija ta' nhar ta' Ħadd għall-ħajja. Kien bniedem ta' pjaċir u kien jaħtaf kull okkażjoni biex jagħmel il-ġid lil għajru. Il-kappillani kollha ta' Għawdex sabu xi għajnuna fih għall-quddies, qrar u l-pariri għaqlin tiegħu.

Ħafna nies fin-Nadur fettxewh għal xi għajnuna jew oħra. Kien jagħmel ukoll diversi żjajjar lill-morda u l-anzjani b'riskju kbir għal saħtu u mingħajr interess personali. Barra attivitajiet marbuta mal-ħajja tal-Knisja, id-Dekan Dun Frans għamel ħafna xogħol ta' natura soċjali billi kien jgħin lin-nies jimlew il-formoli mingħajr l-ebda interess. Mhux ta' min jinsa li d-dar tiegħu kienet tinsab qrib ħafna tal-uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali u għalhekk ħafna persuni fittxewh għall-għajnuna. Ma kien jaqta' qalbu minn xejn u kien jgħid li huwa l-aktar anzjan u l-aktar żagħżugħ. Kien jgħid ukoll li jistrieħ fil-qabar.

Kien bniedem ta' karità u b'mod jew b'ieħor għen diversi għaqdiet fil-parroċċa tan-Nadur b'mod speċjali s-Soċjetà tad-Dutrina Nisranija magħrufa bħala l-Mużew. Huwa kellu mħabba speċjali għal din is-Soċjetà peress li zitu Rakela Camilleri kienet l-ewwel Superjura għal Għawdex u kienet anki tikkorrispondi bl-ittri ma' San Ġorġ Preca. Barra minn hekk Dun Frans kien jagħmilha ta' direttur spiritwali ta' bosta soċji. Kien ukoll il-konfessur ta' Dun Mikiel Attard, li fl-1 ta' Novembru 2010 l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech ħabbar li kien se jingħata bidu għall-proċess tal-beatifikazzjoni. Ta' min isemmi li meta beda jinbena l-Museum tas-Subien fin-Nadur huwa ma kienx biss benefattur iżda kien iħeġeġġ lill-oħrajn biex jagħmlu bħalu.

Id-dekan Dun Frans Camilleri miet fl-età ta' 66 sena fit-9 ta' Marzu fid-dar tiegħu matul il-lejl fin-Nadur. Il-funeral sar dakinhar stess filgħaxija u ġie midfun fil-qabar tal-familja.

*Dan l-artiklu msejjes fuq dawn il-kitbiet:*

*Dun Duminku Camilleri, Il-Kolleġġjata Insinji tan-Nadur: 100 sena ta' Storja, Għawdex 1994.*

*Dun Duminku Camilleri, Apprezzament Kan.Dekan Dun F. Camilleri, li deher fil-Ħajja f'Għawdex, Marzu 1982.*

*Dun Ġużepp Rapa, Apprezzament Dun F. Camilleri, li deher fil-Ħajja, 15 ta' Marzu 1982.*

**Angelo Xuereb**